**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 89/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**-vs-**

**Robert Ciappara, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0451700L**

**Illum**: 13 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Robert Ciappara u cioe` talli:

Nhar l-01 ta' Diċembru, 2018, għall-ħabta tas'13:00hrs ġewwa u barra l-fond Block T, Flat 8, Trejqet il-Giżimini, l-Imtarfa:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu, Sarah Margerita Ciappara, f'periklu ċar, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Sarah Margerita Ciappara hekk kif iċċertifikat Dr. Chanelle Gatt MD (Reġ No. 5978) taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;

2. Fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil martu Sarah Margerita Ciappara tibża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra il-propjeta' tagħha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiexc fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Sarah Margerita Ciappara jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 222(1)(a) 202(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 251B(1)(2), 222(1)(a), 202(h), 251Ċ, 251H u 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**L-Ispettur Matthew Galea** spjega kif Margerita Ciappara ghamlet rapport li sfat vittma ta' vjolenza domestika. *"Mal-Pulizija s-Sinjura Ciappara stqarret li dakinhar stess filghodu zewgha mar id-dar fejn kienu jabitaw u cioe' gewwa Flat 8 Block T Trejqet il-Gizimin Imtarfa, zewgha qalilha sabiex jirrangaw I-affarijiet bejniethom u hi qaltlu li ma setghetx u li ghal dan zewgha tefala hwejjigha u qalilha titlaq il-barra. Is-Sinjura Ciappara kompliet tirraporta li qabdet hierga u meta kienet hierga f'dan il-mument, zewgha qabad il-boroz li kellha I-hwejjeg taghha fihom u beda' jqattaghhom fejn hi bdiet tghajjat u laqtet wicc zewgha li kif raha barra gera ghal gewwa beda jaghlaq ilbieb, zammitu b'saqajha u regghet dahlet il-gewwa fil-post imsemmi. Is-Sinjura*

[1] Fol.123

*Ciappara kompliet li f'dan I-istadju hi u zewgha komplew jiggieldu, sakkarha ma' vetrina tal-hgieg, qabadha minn ghonqha, hi ppruvat tiddenfendi ruhha minghajr success u f' daqqa wahda zewgha qabdilha idejha u dahhalilha filvetrina li b'hekk tkissret il-hgiega u hi Margerita Ciappara sfat feruta. Aktar tard is-Sinjura pprezentat certifikat mediku minn Dr. Chanelle Gatt, medical registration number 5978 mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta li fih ic-certifikat il-griehi bhala hfief salv ghall-kumplikazzjonijiet….. sussegwentament il-griehi irrizulta li damu aktar minn 30 gurnata kif ukoll is-Sinjura Ciappara kellha bzonn operazzjoni sussegwenti…".*[2]

Fl-interrogazzjoni tieghu l-imputat jinsisti li martu taghtu daqqa ta' harta tant b'sahhitha li dawritlu wiccu. *"Umbgħad hi kellha il-boroż taż-żibel bil-ħwejjeġ ippakjati fihom li kienu ilhom lesti xi erba xhur* ***u qabżitli*** *u bdejt nitfagħlha l-ħwejjeġ l'barra. Umbgħad hi inħarqet u meta konna ġol veranda tatni daqqa li dawwrittli wiċċi. Umbgħad jien dħalt l'ġewwa, għalaqt il-bieb tal-anumilum u Sarah ixxuttjat il-bieb, faqgħetu u daħlet għalija biex tipprovokani,* ***inbuttajtha min għonqha b'idi [jimmarka idu ix-xellugija] u idejha ta' faċċata ta' idi li kelli ma għonqha x'ħin marret lura u daħlet fil-ħġieġa tal-bieb.*** *Umbgħad jien ippanikjajt x'ħin rajtilha id-demm u Sarah wara xi kwarta, għoxrin minuta telqet l'hemm u għamilt xi tlett siegħat nistenniha id-dar, ma ġietx u mbgħad ħriġt dawra bil-mixi nikkalma naqra u dħalt nistrieħ għax kont ġej min lejl xogħol."*[3] Semma kif kien ilu jigi pprovokat ghal diversi xhur.

Fid-dikjarazzjoni taghha lill-pulizija *a tempo vergine,* Sarah issemmi kif laqtet wicc zewgha u meta pprova jaghlaqilha l-bieb ta' barra *"zammejtu b'sieqi u ergajt dhalt gewwa. Hemmhekk ergajna bdejn niggieldu,* ***ghafasni ma kantuniera tal-hgieg, beda jaqbadni minn ghonqi,*** *jien mort biex niddefendi ruhi, imma ma rnexxilix,* ***f'daqqa wahda qabadli idi u dahlet fil-vetrina"*** fejn tkissret il-hgiega.[4] Il-**Current Incident Report**[5] gie kkonfermat minn **PS1500 Alfred Cutajar.**[6] Verzjoni identika taghtha lill-ufficjali fi hdan l-Appogg, **Emanuel Galea** u **Christine Grech** li ghamlu *risk assessment* dwar l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Galea iddeskriva kif Ciappara qalet li zewgha pprova jifgaha u x'hin ippruvat tnehhi idha nkisret hgiega.[7]Grech esebiet ir-rsik assessment report[8] fejn fih inghatat il-verzjoni ta' Sarah *"He grabbed her from the neck. When she tried to remove his hand he grabbed her and slammed it against the glass. As a result the glass broke".*[9]

---

[2] Fol.15-16
[3] Fol.29
[4] Fol.31-34
[5] **Dok.MG6** a fol.31
[6] Fol.44
[7] Fol.57-58
[8] Fol.78. Vide **Dok.MGZ1** a fol.70 et seq
[9] Fol.77

Din id-dikjarazzjoni qed tittiehed in konsiderazzjoni limitatament in kwantu ghall-konsistenza tal-verzjoni ta’ Sarah. Mill-bqija dak li jixhdu is-social workers jikkostitwixxi *hearsay* u ghaldaqstant inammissibli.

F’dikjarazzjoni li ghamlet xahar wara l-allegat aggressjoni, Sarah Ciappara terga’ tirrakonta dak li ghaddiet minnu fil-jum tal-1 ta’ Dicembru, 2018, meta wriet lill-zewgha li ma rieditx tkompli bir-relazzjoni taghhom kif xtaq hu. Dan beda’ jarmilha l-boroz li fihom kienet ppreparat xi hwejjeg, barra fix-xita. Ippruvat twaqqfu *“u lqattu go wiccu. Robert mbghad ipprova jsakkarni barra u jien ilqajt il-bieb ta’ barra l-flat b’saqajja fejn il-bieb, li kien dghajjef, waqa l’ġewwa lejn Robert iżdqa ma laqtux. Hawn* ***Robert beda jghidli li qed inkissirlu ħwejjgu u rassni mal-corner*** *fejn kien hemm il-bieb imkisser. Hawn ġie bejnietna it-tifel tagħna Liam Ciappara u dak il-hin b’xi mod* ***Robert resaq u waqaf milli jrossni mal-corner u l-vetrina. Umbghad kif resaq it-tifel Robert reġa qabadni min għonqi fejn jien pruvajt ninbuttah izda idejja ma laħħqitux u naf li dak il-hin Robert qabadli idejja il-leminija ftit l’isfel mil-minkeb, imbottali idejja u idejja daħlet ġol-ħġieġa tal-vettrina u qasmet ħġiega li biċċa minnha baqgħet imwaħħla mal-polz lemini tiegħi.*** *Hawn jien ħriġt barra u geżwirt qalziet ma idejja li imtela demm u biddiltu bi flokk li ukoll imtela bid-demm u kelli nerġa nbiddlu. Hawn jien bdejt ngħajjat u ħarġu xi nies u bdejt nghidlu biex immur il-polyclinic u bqajt xi nofs siegħa tlett kwarti nitkarrab.”*.[10]

**Sarah Margerita Ciappara** ddeskriviet dak li wassalha tiddenunzja lill-zewgha. Kienet qaltlu li ma rieditx intimita` mieghu, *“imbaghad qalli le, qalli jekk mhux f’kollox hekk tista’ taqbad hwejjgek u titlaq u dan domna xi saghtejn nikkumbattu u fl-ahhar iddecidejt nitlaq mid-dar jiena u kelli l-affarijiet lesti bicciet minnhom u kien baqali xi affarijiet gol-kxaxen li nuza kuljum u mort u qalli mela issa nghinek tnizzilhom u mur. U jien x’hin mort inkompli l-kumplament ghall-ewwel beda’ johrogli l-boroz u x’hin ha nkompli l-kumplament beda’ jwaddab il-boroz u l-basktijiet, imbaghad harighomli barra … ghax ahna ghandna bhal veranda quddiem il-bieb u beda’ jqattali l-basktijiet u jien mort inwaqqfu u lqatlu wiccu u beda’ jirrabja u dahal gewwa u ghalaqli l-bieb u l-bieb taghna l-aluminium imma l-bicca ta’ isfel, l-bieb taghna ilu jaqla’ dan il-bieb tal-aluminium jigifieri kemm tmissu u jaqa’ u jien mort inzommu b’sieqi u l-bicca ta’ isfel waqghet. Imbaghad dhalt gewwa u fil-kantuniera ghandi corner bil-hgieg, kull hgiega hekk fiha xi tmienja, …. Vetrina tal-hgieg imbaghad* ***rasni maghha b’idu ma’ ghonqi u dahal it-tifel iz-zghir u waqaf, x’hin rega’ resaq it-tifel rega’ qabadni minn ghonqi, jien imbuttajtu u qabadli idejja minn hawn u deffisili gol-hgiega.”***[11]. Ciappara ssemmi li ghalkemm binha talab lill-missieru johodha l-policlinic dan irrifjuta w beda jghid li kienet qed tibki biki tal-kukkudrilli. Wara xi tlett kwarti li damet tikbilu biex tmur il-policlinic ftakret li

[10] Fol.25

[11] Fol.35-37

kellha cavetta u saqet l'hemm hi stess.[12] Kien binha ta' 11 il-sena li gghelha tghid il-verita` dwar kif garrbet il-ferita. Hekk ghamlet u nghatat parir taghmel rapport kif fil-fatt gara. Wara marret Mater Dei fejn ghamlulha l-punti izda wara ndunaw li f'idha kien ghad ghandha l-hgieg u kellha taghmel operazzjoni.[13]In kontro-ezami tghid li din kienet l-ewwel darba li refa` jdejh fuqha ghalkemm kien hemm drabi fejn imbuttaha. Tinnega li kienet qed tikkombatti mieghu meta gara l-kaz jew li taghtu daqqa ta' harta.[14]

Hi cirkostanza li timmilita favur il-kredibbilita` ta' Sarah Ciappara li fuq medda ta' 4 xhur, u cioe` minn meta sehh il-kaz sa meta xehdet *viva voce*, din irrakontat dak li ghaddiet minnu erba darbiet. Dawn il-verzjonijiet huma ghall-kollox konsistenti u fihom l-istess dettal.

**Liam Ciappara,** wild il-koppja Ciappara, xehed b'*video conference* u spjega kif missieru beda' jqatta' l-ixkejjer bil-hwejjeg t'ommu hekk kif dawn inhargu wara l-bieb ta' barra. Biex twaqqfu ommu gholliet idejha u laqtet lill-missieru bil-pala tal-id *"Ma nafx jew biex tehodlu xi hwejjeg, ma nafx...nahseb biex [twaqqfu] imma ma nafx imbghad. Imbghad id-daddy qabad jghajjat ghax qed issawtu."*[15] Missieru dahal il-gewwa u pprova jaghlaq il-bieb izda ommu dahhlet sieqha gol-bieb li nfaqa'. Liam ikompli jixhed li **missieru tefa' l-ommu ghal fuq vetrina *"Tefaghha nahseb ghall-apposta....hi kienet kwazi maghha imma dahhalha hu, dahhalha lura maghha"*[16].** Jghid li dan sar bl-uzu tal-forza ghax missieru dak il-hin kellu n-nervi.

Jigi mfakkar kliem il-missier mal-ispettur investigattiv *"Umbgħad hi kellha il-boroż taż-żibel bil-ħwejjeġ ippakjati fihom li kienu ilhom lesti xi erba xhur **u qabżitli** u bdejt nitfagħlha l-ħwejjeġ l'barra."*[17]

Hu stess rah jimbotta lill-ommu, *"U mbghad **qabadha minn ghonqha** u jien dhalt hekk [bejniethom],...imbghad ma ergajtx dhalt, imbghad **rega' qabadha imbghad hi biex tnehhilu idu minn hekk [minn ma ghonqha] imbuttalha idha"*** li dahhlet gol-hgiega.[18] Wara ommu, vizibilment bid-demm iccarcar ma idha, bdiet tghid lil missieru li ser titlaq, dan wegibha li l-biki kien tal-kukkudrilli.[19]In kontro-ezami jikkonferma li l-bieb inkiser x'hin ommu dahhlet saqajha peress li

[12] Fol.37-38
[13] Fol.38
[14] Fol.39-40
[15] Fol.82
[16] Fol.83
[17] Fol.29
[18] Fol.84
[19] Fol.84

missieru *"imbuttaha fil-bieb f'saqajha"* u mhux ghaliex taghat xi daqqa ta' sieq lill-bieb. Dan il-bieb kien jaqa' x'hin jissabbat.[20] Ghalkemm missieru qallu li ommu ixxutjat il-bieb Liam jinsisti li **hu ma rax dan isehh izda li ra kien *"ghalaq il-bieb f'saqajha u nkiser"*** u b'onesta' jghid li misieru ma kienx ra saqajn ommu x'hin mar biex jaghlaq il-bieb.

Hu propju minn dan li l-Qorti tqis li dan ix-xhud ghandu jinghata l-kreddibbilita` kollha dovuta fejn ghalkemm seta' jzejjen l-istorja biex jaggevola l-verzjoni t'ommu, dan ma jaghmlux u jghid li missieru meta mar jaghlaq il-bieb ma ndunax li kien hemm saqajn Sarah.[21]

Liam ikompli li meta ommu qalet lill-imputat li ser titlaq mid-dar, dan ma ppruvax izommha milli titlaq anzi *"qalilha hu stess li kien ha jghinha...beda jghina johrog il-hwejjeg hu [u jghidilha] 'itlaq, itlaq'"*[22]. Fi tmiem iz-xhieda tieghu jiddeskrivi dak li ra meta intlaqat missieru f'wiccu, *"meta l-basktijiet marret biex tnehhilhomlu minn idu **laqtitu"*** fuq in-nahha tax-xellug ta' wiccu.

Anke f'dan l-aspett Liam jikkorrobora l-verzjoni moghtija minn ommu li din laqtet u mhux taghat daqqa ta' harta lill-missieru kif ukoll li ma taghatx daqqa ta' sieq il-bieb izda kienet biss tipprova izzomm lill-imputat milli jaghlaqha barra *"**ghalaq il-bieb f'saqajha u nkiser**[23]**...** Hu ghalaq il-bieb u hi dahhlet sieqha gol-bieb u nfaqa[24].... **Ghax hu imbuttaha fil-bieb f'saqajha[25]....Just ghalaq il-bieb biex titlaq"[26]***. Daqstant iehor jikkoroboraha lill-ommu li tghid li giet mrassa mal-vetrina meta jsemmi li kien missieru *"imma dahhalha hu, dahhalha lura maghha [mal-vetrina]"* u dan meta ommu kienet bil-wieqfa quddiem il-vettrina.[27]

Anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputat ma riedx iddahlilha idejha fil-vettrina, jibqa' l-fatt li dawn il-griehi segwew wara li hu ghazel jahtafha u jzommha minn ghonqa w propju meta hi bdiet tipprova tnehhilu idu biex ma jkomplix. Ma hemm ebda skuzant f'dan il-kaz ghaliex l-imputat kellu jaqbad lill-martu minn post daqshekk vulnerabbli. Ibnu stess jikkonferma dak li sa mill-bidu nett sostniet Sarah Ciappara, ***"qabadha minn ghonqha".***[28] Il-fatt li t-

[20] Fol.85
[21] Fol.86
[22] Fol.97
[23] Fol.83
[24] Fol.85
[25] Fol.85
[26] Fol.86
[27] Fol.83
[28] Fol.83

tifel ukoll jiddistingwi bejn meta missieru imbotta[29] l-ommu (meta kienet fi-bieb) u meta *qabadha*[30] minn ghonqha.

Giet esebita traskrizzjoni tax-xhieda li taha l-imputat fi proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), fejn jammetti *"tatni daqqa go wicci u rrabjajt u dhalt gewwa, ixxuttjat il-bieb, dahlet ghalija regghet u x'hin* ***dahhlet imbuttajtha veru minn ghonqa u x'hin imbuttajtha dahlet hi fil-vettrina tal-hgieg...veru qbadtha minn ghonqha u mbuttajtha";*** qal li ghamel dan ghaliex ma riedx imissha minn bnadi ohra.[31]

Bid-dovut rispett dan ma jaghmel l-ebda sens ghaliex kif jixhed ibnu kien hu li dahal ghal ommu wara li l-bieb ta' barra inkisser u mhux hi hebbet ghalih!! Kull ma riedet Sarah kien li tidhol lura gewwa d-dar!! Ta' min isemmi li f'dik ix-xhieda l-imputat jishaq li x'hin ra d-dmija ppanikja, izda skond ibnu mhux talli ma ippanikjax talli kompla jiddiehaq b'ommu w qal li kienet qed tirrecita ghaliex il-biki kien biss wiehed tal-kukkudrilli!

**Robert Ciappara** jixhed li meta pprova jirranga ma martu, w din irrifjutat, qabadilha hwejjigha w tefghhom barra. Kif rat dan xejjritlu daqqa fuq wiccu. Hu dahal gewwa u hi xxutjat il-bieb u dahhlet ghalih. Kien ghalhekk li **hu qabadha w imbuttaha** minghajr ma taha kaz li kien hemm il-vettrina. X'hin induna li wegghet jghid li kesah ghaliex wara li kienet ilha tipprovokah issa rnexxielha tikkompromettieh.

Mela dak li inkwieta lill-imputat ma kienx ghaliex martu wegghet kawza tieghu imma inkwieta. Inkwieta ghaliex irrejalizza li seta' jispicca fl-inkwiet!

Jixhed li bejn il-hin li taghtu d-daqqa w wegghet ghaddiet xi minuta.[32] Id-daqqa soffriha hekk x'hin beda jghollilha l-hwejjeg. X'hin ixxutjat il-bieb hi dahhlet ghalih u hu qabadha minn ghonqha peress li martu iqsar minnu.[33] Jikkontendi li dak li ghamel ghamlu in self-defence *"hi giet ghalija"* u li qatt ma ried iweggaha. Mistqosi mill-Qorti ghaliex kif ra lill-martu gejja lejh ma resaqx, jghid li dak il-hin *"lanqas jigix xejn go mohhok....Lanqas qatt ma ridt inweggaha jien"*.[34]

---

29 Fol.85 *"imbuttaha"*
30 Fol.84
31 Fol.110
32 Fol.135-136
33 Fol.137-138
34 Fol.139

Rilevanti hu il-mod li bih l-imputat jiddeskrivi kif qabad lill-martu minn ghonqha meta din kienet, kif jammetti hu stess u kif setghet tikkonstata l-Qorti, ta' statura iqsar minnu. Persuna li tipprova tirrespingi attakk taghmel dan billi jew tgholli jdejha biex tipprotegi il-wicc jew xi parti ohra tal-gisem billi ddur lil hinn mid-direzzjoni li jkun gej l-attakk u mhux tistennieh u tiffaccjah *head on* billi jaqbad l-aggressur mill-ghonq.

Ghalkemm Robert Ciappara jinsisti li martu dahhlet ghalih b'rabja wara li xxutjat il-bieb ta' barra, ibnu jghid li ommu ma ghamlet xejn minn dan u riedet terga' tidhol go darha fl-istess hin li l-imputat beda' jipprova jaghlaqha barra.

Jinghad ukoll li l-verzjoni tal-imputat ftit taghmel sens tenut kont tar-rejazzjoni tieghu, kif rrakontata minn ibnu, fejn minn imkien ma gie ppruvat jew mqarr allegat li dan ma kienx qed ikun veritjier. Ibnu jaghti verzjoni li tikkorobra dik tal-omm, fejn jghid li din laqtet il-missieru f'wiccu, li kien **missieru li dahal ghaliha** u izjed importanti, **minkejja li raha mwegga' minflok ma ghena u hadha tikkura ruha, ghajjarha li dmugh il-kukkudrill.**

Jekk ma riedx iweggahha, ghaliex ma werriex dan bil-fatti sa mill-ewwel opportunita`??? Ghaliex kellha tkun Sarah, akkumpanjata biss minn binha li saqet lejn il-policlinic xejn anqas minn nofs siegha wara. Ma tantx deher li kesah kif iridna nemmnu l-imputat![35]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti tqis li hi l-verzjoni ta' Sarah u dik ta' Liam Ciappara li tgwadi mill-kreddibilita` dovuta, li ghandha mis-sewwa. Kif tixhed Sarah li l-imputat wara li rassaha mal-vettrina, qabadha minn ghonqa ghal xejn izjed minn darbtejn fejn l-ewwel darba gibed idu lura hekk kif ra lill-ibnu, *"Imbaghad dhalt gewwa u fil-kantuniera ghandi corner bil-hgieg, kull hgiega hekk fiha xi tmienja, …. Vetrina tal-hgieg imbaghad* ***rasni maghha b'idu ma' ghonqi u dahal it-tifel iz-zghir u waqaf, x'hin rega' resaq it-tifel rega' qabadni minn ghonqi, jien imbuttajtu u qabadli idejja minn hawn u deffisili gol-hgiega."***[36]

Hu l-istess minuri li jikkonferma li hekk graw l-affarijiet u mhux mod iehor. Ommu ma kienitx l-aggressur, kif donnu jrid igieghel jitwemmen l-imputat imma l-vittma u xejn anqas. Fil-fatt Liam jixhed li missieru ***"Tefaghha nahseb ghall-apposta....hi kienet kwazi maghha imma dahhalha hu, dahhalha lura maghha".***[37] Jidwu kliem Sarah *"Imbaghad dhalt gewwa u fil-kantuniera ghandi corner bil-hgieg, kull hgiega hekk fiha xi tmienja, …. Vetrina tal-hgieg* ***imbaghad***

35 Fol.135-136
36 Fol.35-37
37 Fol.83

***rasni maghha b'idu ma' ghonqi*** *u dahal it-tifel iz-zghir u waqaf, x'hin rega' resaq it-tifel* ***rega' qabadni minn ghonqi, jien imbuttajtu u qabadli idejja minn hawn u deffisili gol-hgiega."***[38]. Liam izid *"U* ***mbghad qabadha minn ghonqha*** *u jien dhalt hekk [bejniethom],...imbghad ma ergajtx dhalt, imbghad* ***rega' qabadha imbghad hi biex tnehhilu idu minn hekk [minn ma ghonqha] imbuttalha idha"***.[39] Altru` li l-azzjoni tieghu ma kienitx wahda involontarja jew b'*self-defence.* L-ghemil tieghu jikkostitwixxi aggressjoni u xejn aktar!

Offiza Volontarja Kontra l-Persuna

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat li ghamel offizi gravi fuq il-persuna ta' martu.

Jibda biex jinghad li sabiex jissusisti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Kif deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**[40]

> Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu."

Ghalhekk determinat li l-imputat ghamel offiza fuq il-persuna ta' martu,[41] jibqa' biex tigi determinata in-natura ta' din l-offiza.

In-Natura tal-Griehi

Mic-certifikat mediku li gie esebit[42] u kkonfermat mit-tabiba msemmija,[43] jirrizulta li Sarah Ciappara soffriet griehi li gew klassifikati bhala ta' natura hafifa ghajr ghall-komplikazzjonijiet.

Sinifikanti li ghalkemm l-imputat jsemmi li qabadha minn ghonqha propju ghax *"kellha spallejha imcartin jew kellha xi operazzjonijiet ghaddejjin"*,[44] din kellha evidenza ta' **hmura fuq il-klavikoli,** specjalment il-leminija**, zewg tbengiliet**

[38] Fol.35-37
[39] Fol.84
[40] Qorti tal-Appelli Kriminali; Per Onor.Imhallef Vincent Degaetano; Deciza 30 ta' Marzu, 1998
[41] Vide Certifikat taz-Zwieg a fol.69
[42] **Dok. MG** a fol.18 u 19
[43] Fol.55
[44] Fol.110

**fuq in-naha ta' gewwa tad-driegh u tbengilha fuq il-keffa tal-id il-leminija, apparti ghat-ticrita twila 2cm fuq in-naha ta' gewwa tal-polz.**[45]

**Dr. Thomas Gatt** xehed li Sarah iddahhlet l-emergenza fl-4 ta' Jannar, 2019, u giet *discharged* l-ghada. Mill-***case summary***[46] ipprezentat minnu jirrizulta li dan l-intervent jaf il-bidu tieghu meta l-pazjenta *"Sustained LCW to right hand on 1/12/18 with glass and requiring sutures. Over the past month, noted increase in swelling and pain, palpable over dorsum of hand. X ray shows glass in situ"*.[47]

**Il-Professur Ray Gatt** xehed l-ewwel darba f'April, 2019, fejn semma' kif Sarah Ciappara *"kellha zewg (2) farretti zghar fuq il-polz tan-naha tal-lemin…ma kellha l-ebda restrizzjoni ta' funzjoni, dizabilita`"*[48]. Sa dakinhar kien ghadu kmieni wisq biex l-abbli kirurgu jikkonstata jekk din soffrietx xi hsara permanenti fejn anke kien mehtieg li jsir test newrologiku.[49] Ghalhekk rega' gie riprodott f'Awwissu, 2019, fejn ikkonferma li wara li saru l-ahhar testijiet ma kien hemm <u>l-ebda dizabbilita` permanenti</u>.[50]

Fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Salvinu Vella** intqal:[51]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jghid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);
>
> 18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, <u>fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).</u>
>
> 22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

---

[45] **Dok.MG** a fol.18
[46] **Dok.TG** a fol.119 et seq
[47] Fol.119
[48] Fol.49
[49] **Dok.RG** a fol.55
[50] Fol.97 et seq. Vide wkoll konferma ta' dawn ir-rizultanzi a fol.128
[51] Per Mr. Justice Giovanni M Grixti LL.M., LL.D; Appeal Nru. 496/2015. Dec.30th September, 2019

**B'mankament … fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

> 22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

Ghalhekk ma tirrizultax xi cirkostanza bhal dawk imsemmija fl-artikolu 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) tal-Kodici Kriminali, indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. L-offizi mgarrba jistghu jitqiesu biss bhala ta' <u>natura hafifa</u>.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ghalkemm Sarah Ciappara ssemmi wkoll li kemm il-darba ppruvat titlaq mid-dar izda ma ghamlitx dan ghaliex kienet qed tigi mhedda - *"Tip ta' theddid li ghall-familja tieghi li jmur ghal ommi u jmur ghall-huti li jkisser lil ommi u jkisser il-familti, hafna theddid minn dan."*[52] - l-akkuza kif addebitata hi limitata ghall-okkazzjoni wahda.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[53]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.
>
> Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
>
> "*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

---

[52] Fol.37

[53] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima, [02.05.2013]

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment*". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rriteniet is-segwenti:[54]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet –

[54] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima [17.02.2011].

proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Il-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali, jirrizulta illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dan ikun xi incident izolat kif fil-fatt huwa il-kaz in ezami, tenut kont li din l-imputazzjoni hi marbuta ma data u hin wiehed specifiku w fejn mill-provi jirrizulta li dan kien incident izolat. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru; reat li jgorr piena massima ta' 3 snin prigunerija tenut kont li twettaq fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali. Minkejja l-imputat igawdi minn fedina penali netta, il-vjolenza ma tista' qatt tigi ttolerata, aktar u aktar meta din titwettaq fuq membri familjari w aghar minn hekk, gewwa l-erba' rkejjen ta' darhom; id-dar hi l-aktar post li ghandu joffri serenita`, serhan il-mohh u sigurta`! Hu inacettabbli li l-imputat ma ddejjaq xejn jerfa' idu fuq martu propju quddiem ibnu, minuri ta' 11 il-sena. Xeni bhal dawn jimmarkaw l-ulied ghall-ghomorhom u jcahhduhom mil-innocenza li ghandha tissenjala tfulithom. F'dinja fejn, gustament, is-swat fuq it-tfal bhala mezz ta' dixxiplina *(reasonable chastisement*) m'ghadux iktar ttolerat tant li anke gie kriminalizzat, is-socjeta` daqstant iehor tistenna li atti ta' vjolenza domestika jigu kastigati b'pieni li juru l-gravita` ta' dan l-agir u jservu ta' deterrent.

Minkejja li llum il-gurnata Ciappara jghid li jiddispjacih ghall-ghemilu, ma jirrizultax li b'xi mod ipprova jpatti ghall-hsara minnu kaggunata jew minn tal-

inqas talab skuza lill-martu ghall-hsara kkagunata minnu. Ghaldaqstant il-Qorti ma temminx li Ciappara tassew iddispjacih li lill-martu ghadiha minn tant saram.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 31, 202(h), 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah **hmistax (15) il-xahar** prigunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€459.00** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Sarah Margerita Ciappara ghal zmien tlett snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**